MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 496/1999/1

**Joseph Saliba**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar, 2001. Permezz ta' din is-sentenza il-konvenut Agius gie dikjarat li ta malafama

permezz ta’ stampat lill-attur Saliba (l-artikolu in kwistjoni kien jismu “Inkjesti Kontra Inkjesti” u deher fil-harga tat-8 ta’ Novembru, 1998 tal-gazzetta ta’ nhar ta’ Hadd “KullHadd”), u gie kkundannat ihallsu s-somma ta’ hames mitt lira (Lm500). Pero` l-appell hu bbazat fuq punt ta’ procedura u mhux fil-meritu (cioe` mhux jekk l-artikolu kienx libelluz o meno, jew mill-*quantum* tad-danni). L-appellant, in fatti, jikkontendi li fi stadju minnhom tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti hu kien talab li jharrek xhieda li ma kienux indikati fil-lista annessa man-nota tal-eccezzjonijiet. Din it-talba ghamilha permezz ta’ rikors, li gie notifikat lill-attur, li ma kienx oppona ghal din it-talba. Nel frattemp, pero`, l-ewwel Qorti, halliet il-kawza ghas-sentenza. Wara li kienet hekk halliet il-kawza ghas-sentenza, il-Qorti ddekretat favorevolment ir-rikors ghas-smigh tax-xhieda u anke laqghet it-talba ghall-hrug ta’ Mandat ghat-Tahrik tax-xhieda in kwistjoni. Fl-14 ta’ Frar, 2001, invece, l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. L-appellant, ghalhekk jikkontendi, li l-ewwel Qorti ma tatux l-opportunita` li jressaq ix-xhieda li hija stess kienet ammettiet li setghu jinstemghu.

L-appellat, minn naha tieghu, jghid li

**…fis-seduta tal-14 ta’ Frar, 2001 meta ssejhet il-kawza meta kien imissha, la deher il-konvenut u anqas deher id-difensur tieghu u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza a tenur tal-verbal precedenti.**

**Illi n-nuqqas da parti tal-konvenut u tad-difensur tieghu li jidhru ghas-seduta tal-14 ta’ Frar, 2001, halliet zewg ghazliet lill-Qorti: jew taghti s-sentenza skond il-verbal precedenti jew tiddifferixxi l-kawza ghal raguni mhux kontemplata fil-Kodici ta’ Procedura Civili u ghalhekk bi ksur tal-istess Kodici. It-tieni ghazla, ghalhekk, ma kienitx alternattiva legali u bhala rizultat, il-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza.**

Ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi precizat l-*iter* relevanti tal-kawza:

1. Fl-udjenza tat-**3 ta' Novembru, 2000** jirrizulta mill-verbal (fol. 34) li meta ssejhet il-kawza deher biss l-avukat difensur tal-attur. Il-verbal ikompli hekk: *"Billi din il-kawza kienet imhallija ghal-lum ghal provi tal-konvenut u dan la deher u lanqas ressaq provi, il-kawza tibqa' differita ghall-ahhar darba ghal dan l-iskop ghall-**11 ta' Dicembru, 2000**."* Din il-Qorti tosserva, a propositu ta' dan il-verbal, li galadarba la deher il-konvenut u anqas id-difensur tieghu, l-ewwel Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza, anke dak inhar stess, fuq l-atti u l-provi li kienu nstemghu sa dak il-jum – Artikoli 201[1] u 211[2] tal-Kap. 12 – jew, jekk hasset li ma setghetx tippronunzja s-sentenza dak in-nhar stess, setghet iddifferiet il-kawza ghal data ohra ghas-sentenza. Sfortunatament dak li gara hu li l-ewwel Qorti ma uzatx id-dixxiplina li tant hija mehtiega biex il-partijiet ma jithallewx itawwlu z-zmien tal-kawzi inutilment, u minflok, kif inghad, iddifferiet il-kawza "ghall-ahhar darba" ghall-provi tal-konvenut.

2. Fit-**23 ta' Novembru, 2000** il-konvenut ippresenta rikors (fol. 35) li permezz tieghu talab li jinstemghu zewg xhieda – Michael Fenech u Godfrey Pirotta – li ma kienux gew indikati fil-lista annessa man-nota tal-eccezzjonijiet. B'digriet tal-**24 ta' Novembru, 2000** (fol. 36) dik il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, b'jumejn zmien utili ghal risposta. Ir-rikors gie notifikat lill-attur Saliba fid-**9 ta' Dicembru, 2000** (ara riferta fol. 35, tergo).

3. Ghall-udjenza tal-**11 ta' Dicembru, 2000** (ara verbal a fol. 38) jirrizulta li deher biss l-attur Saliba. Il-konvenut u d-difensur tieghu imsejha ma deherux. Il-verbal tal-udjenza jkompli hekk: *"Billi l-kawza kienet imhollija ghal-lum bhala lahhar differiment. Il-Kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar, 2001".* Din il-Qorti hawnhekk tosserva zewg affarijiet: ghalkemm l-attur Saliba kien gie notifikat

[1] 201: Jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew il-prokuratur lagali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher.

[2] 211: Wara l-eghluq tas-smigh tal-kawza, l-qorti, jekk ma taqtax il-kawza dak inhar stess, ghandha thalliha ghad-decizjoni ghal gurnata ohra l-aktar fil-qrib li tiffissa ghaldaqshekk.

bir-rikors jumejn qabel, hu ma deherlux li kellu jigbed l-attenzjoni tal-ewwel Qorti ghall-istess rikors – forsi beza' mill-Artikolu 205(1)[3] tal-Kap. 12!! Fit-tieni lok hu evidenti li l-ewwel Qorti insiet li kien hemm rikors li kien ghadu mhux dekretat definittivament (probabbilment ghax l-istess rikors kien ghadu ma giex minghand il-Marixxalli u ghalhekk ma kienx ghadu gie inserit fil-process).

4. Fit-**8 ta' Jannar, 2001** l-ewwel Qorti, permezz ta' digriet kamerali (fol. 37), wara li kkonstatat li ma kienx jidher li kien hemm opposizzjoni da parti tal-attur (li ma jirrizultax li wiegeb ghar-rikors tat-23 ta' Novembru, 2000) laqghet it-talba tal-konvenut biex jipproduci bhala xhieda lil Fenech u lil Pirotta. Dan id-digriet kien nececssarjament jimplika li l-kawza ma kienitx qed tithalla ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar, 2001; b'dana d-digriet l-ewwel qorti kienet qieghda implicitament tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza. Terga', fit-**18 ta' Jannar, 2001** il-konvenut ippresenta rikors li permezz tieghu talab il-hrug tat-tahrika relattiva taz-zewg xhieda biex jidhru fl-14 ta' Frar, 2001 (fol. 39), u l-ewwel Qorti fid-**19 ta' Jannar, 2001** (fol. 40) akkordat it-talba – konferma, din, li l-prolazzjoni tas-sentenza fl-14 ta' Frar, 2001 kienet giet sospiza. Wiehed minn dawn ix-xhieda (Fenech) ma jirrizultax meta gie notifikat, izda Pirotta gie notifikat fl-24 ta' Jannar, 2001 (ara r-riferti, wahba minnhom monka, a fol. 40, tergo).

5. X'gara fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2001 ma jirrizultax mill-atti ghax, kif gie osservat minn din il-Qorti fl-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2003, il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar, 2001 huwa nieqes. Li hu zgur, pero`, hu li l-kawza ma setghetx titqies li kienet imhollija ghas-sentenza, u dan ghar-raguni aktar 'l fuq indikata. Huwa veru li, jekk kif jallega l-appellat, il-konvenut u d-difensur tieghu ma deherux fl-14 ta' Frar, 2001 l-ewwel Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dak in-nhar stess fuq l-atti li kien hemm (Artikoli 201 u 211 ga citati), pero` galadarba dik il-Qorti ma kienitx qed tapplika b'rigur id-disposizzjonijiet relattivi u fil-fatt ma kientx hekk applikathom f'okkazjoni precedenti, ma kienx ikun gust li issa tissorprendi lil parti

[3] 205(1): Il-parti assistita minn avukat ma tistax, minghajr permess tal-qorti, issemma' r-ragunijiet taghha jekk mhux bl-avukat.

billi tapplikahom fl-14 ta’ Frar, 2001. Il-kawza kellha imqar tithalla ghas-sentenza ghall-ghada. Pero` dak li din il-Qorti tifhem li gara hu li fl-14 ta’ Frar, 2001 l-ewwel Qorti kienet insiet kompletament id-digrieti taghha tat-8 ta’ Jannar, 2001 u tad-19 ta’ Jannar, 2001. Dan jirrizulta car mill-ewwel konsiderazzjoni fis-sentenza tal-Qorti – ara fol. 43 – li tghid hekk:

**Ghandu fl-ewwel lok jigi rilevat li f’din il-kawza instema’ biss l-attur li sar ukoll il-kontro-ezami tieghu. Il-konvenut naqas li jidher f’diversi okkazjonijiet u fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru, 2000 meta l-kawza kienet imhollija ghal dak in-nhar bhala l-ahhar differiment ghall-provi tal-konvenut dan la deher u lanqas ressaq provi.**

Ma hemm assolutament ebda referenza fis-sentenza ghal dak li gara wara l-11 ta’ Dicembru, 2000, u cioe` ghad-digrieti tat-8 ta’ Jannar, 2001 u tad-19 ta’ Jannar, 2001, jew ghal x’gara fl-udjenza tal-14 ta’ Frar, 2001. U ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-probabbilta` hi li l-ewwel Qorti kienet insiet kompletament dawn id-digrieti u l-fatt naxxenti minnhom tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li taghti s-sentenza meta fil-fatt tatha.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih wara d-digriet tad-19 ta’ Jannar, 2001, tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tkompli tisma’ l-istess kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------